# L-IMSELLA TA' KLEOPATRA

*(CLEOPATRA'S NEEDLE)*

Min wasal wasla sa Londra, jew għallanqas ra xi ġabra ta' stampi fuq Londra, ma satax ma tolqtux ħaġra minquxa miġuba mill-Eġittu, plier għoli ħamrani, tal-granit bil-ponta, minsub fuq ġenb ix-xmara (Thames), wieħed minn dawk li hemm imxerrda fl-art tal-Masr (Eġittu) u li l-Għarab isejjħu msella. L-Ingliżi sejjħulha *needle* għax imsella hija labra tal-ħjata kbira, u għalhekk il-plieri ta' din il-għamla qalgħuhielhom *needles*, imselel.

—" Din kif daħlet mal-Malti?" nistħajjel min isaqsi.

— Ara kif.— Fil-għadd ta' Jannar tal-*Empire Review*, xi ħadd kiteb fuq dan il-plier li jiżen 180 tunnellata u qal kif wasal Londra mitluq f'idejn tmien Maltin. Hux ta' min ifakkarha biċċa xogħol bħal din. Nixtieq naf min kienu dawn it-tmien Maltin li fost kemm kien hemm nies Lixandra ġew magħżula biex jieħdu ħsieb dal-ġarr. U tħabtu, smajtx! u waslu biss bil-ħniena t'Alla. Ara kif bdiet u ntemmet din il-biċċa.

Ħamsin sena ilu, il-Kedive Moħammed Ali xtaq jati lill-Ingriterra waħda miż-żewġ imselel li kienet ħadet Lixandra is-sultana Kleopatra fi żmien ir-Rumani biex tqiegħdhom quddiem bini sabiħ imsejjaħ *Cesareum.* Dan kien tlieta u għoxrin sena qabel Kristu u dawn l-imselel kienu tnejn minn sitta minsuba quddiem il-maqdes ta' *On,* alla tax-xemx.

Għall-ewwel, l-Ingliżi kemmxu xuftejhom biex ikarkru plier ta' 180 tunnellata sa xatt il-baħar, imbagħad iwassluh Londra, imma nqalgħu żewġ sinjuri li ma qatgħux qalbhom u la min-nefqa u l-anqas mill-armar u mill-ġarr. Dawn kienu il-professur Erażmu Wilson u l-inġinjer Ġanni Dixon li minnufih ftiehmu li jsir barkun ta' 92 pied bi 15-il-pied wisa' u li fuqu titgħabba l-imsella. Karkar u aqleb u iġbed, il-plier wasal fuq xatt il-baħar u tala' fuq il-barkun li ħa sura ta' bastiment biex fuqu tista' tgħix iċ-ċorma ma' tul il-vjaġġ. Il-barkun semmewh *Kleopatra* u telquh f'idejn kaptan Ingliż, ċertu Carter, u tmien Maltin, u kellu jirmunkah vapur jismu Olga.

Bil-għajnuna t'Alla, fil-21 ta'Settembru 1877, l-Olga rabat il-barkun u telaq minn Lixandra. Kollox mar ħarir sal-14 ta'

Ottubru, mita waslu fil-bajja ta' Biscay fejn laħaqhom baħar qawwi u riefnu li ma bħalu. Il-plier ħabat jitmejjel u t-toqol tiegħu bażża' lil kullħadd. In-nies ma felħux għall-baħar u għamlu sinjali tal-għajjut. Il-kaptan Booth tal-Olga niżżel dgħajsa b'ħamsa min-nies biex imorru lejn il-barkun iżda il-baħar ma ħallihomx jersku, id-dgħajsa nqalbet u hi u n-nies ta' ġo fiha ntilfu. Il-kaptan tal-Olga baqa' idur mal-barkun u wara taħbit kbir wasal biex jitfa' ċima l-baħar li l-Maltin irnexxielhom jaqbdu u fl-aħħar rabtu magħha fregatina u wieħed wieħed in-nies ħallew il-barkun u marru fuq l-Olga. Malli l-kaptan salva lin-nies, il-barkun kellu jitilqu u wara ftit taż-żmien ħadd ma rah aktar. L-Olga waslet l-Ingriterra u tât l-aħbar li l-barkun bl-imsella tal-granit intilef.Alla ried li erbat ijiem wara,vapur Ingliż, il-Fitzmaurice, iltaqa' ma' dal-barkun waħdu fil-wiċċ, u billi l-baħar kien ħeda xi ftit, sata' jorbtu u jkarkru lejn Ferreall fil-Portugall. Minn hemm, wara ftit, ħadu warajh u bil-għaġeb ta' kullħadd daħal bih fix-xmara ta' Londra u tâh f'idejn dawk li għabbewh Lixandra.

Hekk l-imsella ta' Kleopatra minn qalb ir-ramel tal-Masr u mix-xemx ta' Lixandra sabet ruħha mwaqqfa, frotta barra minn żmienha, fuq xatt ta' xmara fuq ħaġra samma, minsuba fuq xatt ta' ilma mdardar u mgħakkar qalb iċ-ċpar tax-xtiewi Ingliżi fejn ix-xemx tidher aktarx bħal ftira safra milfufa fit-tajjar. Il-plier aħmar maħsul is-sena kollha bix-xita, għadu donnu maqtugħ il-bieraħ u n-nies li tgħaddi fuq il-mol taħt Adelphi Terrace drat tarah minsub fuq il-parapett tax-xmara, u kullħadd jatih daqqa ta' għajn u jibqa' sejjer għal xogħlu.

Il-maltin għandhom jeqfu quddiem din l-imsella mita jaslu biswitha u jiftakru li idejn il-Maltin mellsuha, u ħażżmuha u rifduha fuq il-baħar u ma' dwarha xteħtu jistennew il-għarqa għar-rkobbtejhom, u għamlu wegħdiet lill-qaddisin u lil Sidtna Marija biex tħarishom mill-mewt li għal kemm il-jum kienet fuq għajnejhom. Kemm imrar swietilhom lit-tmien Maltin ħutna din l-imsella ! Għalhekk mita wieħed min'na jgħaddi minn ħdejha għandu jgħid bejnu u bejn ruħu: "Din xogħol il-*Maltin.* Alla jseddaqhom fejn huma, dejjem qalbiena għall-baħar, kullimkien issibhom, Alla jbierek."

T. Z.